**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar is-27 ta' Marzu 2023**

**Rikors Nru : 93/2022**

**Kawza Nru : 23**

**SB u b'digriet tas-27 ta' Frar 2023**
**kunjom l-attrici ghandu jaqra S.**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' SS data 4 ta' Mejju 2022 li permezz tieghu hija talbet lil din il-Qorti sabiex tippronunzja is-separazzjoni personali bejn il-partijiet; tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili; ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti; hlas ta' retta alimentari a favur tal-attrici; tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'S' u; tawtorizzaha tirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimat datata 17 ta' Gunju 2022;

Rat ir-rikors tal-partijiet datat 25 ta' Novembru 2022 li permezz tieghu, il-partijiet ppresentaw abbozz ghall-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti, liema abbozz gie milqugh u awtorizzat permezz ta' digriet taghha datat 16 ta' Dicembru 2022;

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet data 25 ta' Novembru 2022, li permezz tieghu talbu li din il-Qorti sabiex it-talba fir-rikors promotur ghal separazzjoni personali tigi konvertita f'talba ghal divorzju;

Rat in-nota tal-avukati difensuri tal-partijiet datata 25 ta' Novembru 2022 li permezz taghha ddikjaraw illi huwa osservaw il-htigijiet tal-Artikoli 66G(1) u 66(H)(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-digriet taghha datat 16 ta' Dicembru 2022;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 23 ta' Jannar 2023 li permezz taghha gew ezebiti l-affidavit rispettivi taghhom fir-rigward tad-divorjzu; (vide fol 39)

Rat id-digriet ta' din il-Qorti sabiex kunjom l-attrici minn B jigi korrett ghal S u dan stante illi l-attrici irriveritet ghal kunjom xbubitha fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet (vide fol 42);

Rat in-nota tal-attrici datata 27 ta' Frar 2023 li permezz taghha l-attrici cediet it-talbiet tar-rikors promotur stante l-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali bejn il-partijiet, madanakollu ddikjarat illi qed izzomm ferm ghat-talba tad-divorzju u r-registrazzjoni tal-istess kif ukoll ddikjarat illi hi gia rrivertiet ghall-kunjom xbubitha u cioe 'S' (vide fol 45)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SS xehdet** (vide affidavit fol 9) illi l-partijiet izzewgu nhar il-15 ta' Ottubru 2016 u minn dan

iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana nhar is-17 ta' Jannar 2023 izda kienu ilhom separati de facto sa minn Awwissu 2021. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**CB xehed** (vide affidavit fol 41) u kkonferma u kkollabora max-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-15 ta' Ottubru 2016, liema zwieg jgib certifikat numru 3386/2016 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Dr Sylvana Borg Caruana datat 17 ta' Jannar 2023 (Vide kuntratt ta' separazzjoni fol 36 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 3386/2016 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**